

Paġna Ewlenija > Taħriġ, Networks Ġudizzjarji U Aġenziji > Portugal

Taħriġ inizjali ta' mħallfin u prosekuturi fl-Unjoni Ewropea

Il-kontenut ipprovdut minn
Portugall



Portugall

Deskrizzjoni ġenerali

It-taħriġ inizjali għall-imħallfin (qrati ġudizzjarji u qrati amministrattivi u tat-taxxa) u għall-prosekuturi pubbliċi (PP) huwa pprovdut minn istituzzjoni nazzjonali, is-CEJ (Ċentru għall-Istudji Ġudizzjarji). Hija l-unika istituzzjoni b'din il-missjoni. Fost kompetenzi oħrajn, is-CEJ huwa responsabbli wkoll għall-promozzjoni ta' taħriġ legali u ġudizzjarji mmirat lejn l-avukati, il-konsulenti legali u l-aġenti minn setturi tal-ġustizzja professjonali oħrajn.

Għat-taħriġ inizjali hemm żewġ kategoriji ta' apprendisti: apprendisti biex isiru mħallfin jew prosekuturi minn qrati u tribunali ordinarji, u apprendisti biex isiru mħallfin minn qrati amministrattivi u tat-taxxa. Ir-reklutaġġ għal dawn iż-żewġ kategoriji huwa differenti fis-sustanza u fil-proċedura, iżda b'mod ġenerali l-konkorsi jsiru fl-istess żmien.

L-apprendisti jissejġu *auditores de justiça*.

It-taħriġ inizjali huwa obligatorju.

In-natura obligatorja ta' dan it-taħriġ hija prevista fiż-żewġ regoli msemmija fl-istatuti għall-imħallfin (ara l-Artikolu 40 d) tal-*Estatuto dos Magistrados Judiciais* (EMJ – Statut Ġudizzjarju) u għall-prosekuturi pubbliċi (ara l-Artikolu 146 d) tal-*Estatuto do Ministério Público* (EMP – Statut tal-Prosekuzzjoni Pubblika)). Fiż-żewġ testi legali hemm iddikjarat li l-attenzenza b'suċċess għal korsijiet jew internships ta' taħriġ hija rekwiżit biex wieħed jidħol fil-ġudikatura jew fis-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika.

Mill-ħolqien tiegħu fl-1979, is-CEJ diġà ħarreġ 4 891 imħallf u prosekutur. Bħalissa, 135 apprendist (40 imħallf u 65 PP għall-qrati ordinarji, u 30 imħallf għall-qrati amministrattivi u tat-taxxa) jinsabu għaddejnin bl-istadju inizjali (l-ewwel sena) tal-kors ta' taħriġ li jdum madwar 3 snin. Għadd simili bħalissa qegħdin fit-tieni stadju.

Bħalissa hemm żewġ konkorsi għall-ammissjoni ta' madwar 130 apprendist fis-CEJ (*auditores de justiça*). Il-konkorsi huma għall-imħallfin u PP tal-qrati ordinarji u mħallfin tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa.

Aċċess għat-taħriġ inizjali

Id-dħul fit-taħriġ ta' mħallfin u prosekuturi pubbliċi jsir permezz ta' sejġha għall-offerti pubblika, ippublikata fid-*Diário da República* (DR) u jinvolvi diversi metodi ta' għażla.

Is-sejġha għall-offerti pubblika titħabbar mid-Direttur tas-CEJ. Din għandha l-għan li timla pożizzjonijiet vakanti fil-qrati ġudizzjarji (imħallfin u prosekuturi pubbliċi) jew li timla pożizzjonijiet vakanti għal imħallfin fil-qrati amministrattivi u tat-taxxa (TAF).

Dawk li huma interessati jistgħu japplikaw b'żewġ modi:

Kwalifika akkademika – l-applikant għandu jkollu lawrja fil-Liġi ta' 5 snin jew anqas, dment li tkun ikkomplementata, f'dan il-każ, minn Master jew PhD fil-qasam tal-Liġi miksub minn università Portugiża, jew

minn lawrji akkademiċi ekwivalenti rikonoxxuti fil-Portugall (l-Artikolu 5(b) tal-Liġi nru^o 2/2008, tal-14 ta' Jannar, flimkien mal-Artikolu 40(c) tal-*Estatuto dos Magistrados Judiciais* (EMJ – Statut Ġudizzjarju) u l-Artikolu 146(c) tal-*Estatuto do Ministério Público* (EMP – Statut tal-Prosekuzzjoni Pubblika));

Esperjenza professjonali – l-applikant għandu jissodisfa r-rekwiżit għall-perkors akkademiku, filwaqt li jkollu esperjenza professjonali, fil-qasam forensiku jew f'oqsma relatati oħrajn, rilevanti għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' maġistrat, b'durata effettiva ta' mhux anqas minn 5 snin.

Barra minn hekk, biex ikun ammess fil-konkors, l-applikant jeħtieġlu:

- ikun ċittadin Portugiż jew ċittadin ta' Stati li jtkellmu l-Portugiż b'residenza permanenti fil-Portugall, bi dritt rikonoxxut biex jeżerċita l-funzjonijiet ta' maġistrat skont it-termini tal-liġi u skont il-kundizzjonijiet ta' reċiproċità;
- jissodisfa r-rekwiżiti ġenerali l-oħrajn għall-provvista ta' funzjonijiet pubbliċi.

F'konkorsi biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti fil-qrati ġudizzjarji, għal kull maġistratura (ġudikatura u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku), kwota ta' ammissjoni ta' 25 % hija rriżervata għal kull waħda miż-żewġ rotot ta' ammissjoni.

Fil-konkors biex jimtlew pożizzjonijiet vakanti għal imħallfin TAF, kwota ta' ammissjoni ta' 25 % hija rriżervata għal kull waħda miż-żewġ rotot ta' ammissjoni.

Il-kandidati jintgħażlu bil-metodi li ġejjin, li kollha huma eliminatorji:

- fażi bil-kitba
- fażi orali
- eżami psikoloġiku ta' għażla.

Format u kontenut tat-taħriġ inizjali

It-taħriġ inizjali tal-maġistrati (imħallfin u prosekuturi pubbliċi) għall-qrati kollha jinkludi kors ta' taħriġ teoretiku-prattiku, organizzat f'żewġ ċikli suċċessivi u internship (*estágio*).

L-ewwel ċiklu tal-kors ta' taħriġ teoretiku-prattiku jsir fil-kwartieri ġenerali tas-CEJ, mingħajr preġudizzju għall-internships interim fuq terminu qasir fil-qrati. Dan iċ-ċiklu jibda fil-15 ta' Settembru wara l-eżami tad-dħul u jispiċċa fil-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara.

It-tieni ċiklu tal-kors ta' taħriġ teoretiku-prattiku jsir fil-qrati tal-liġi fi ħdan l-ambitu tal-professjoni magħżula (imħallfin jew prosekuturi pubbliċi). Għall-PP anke d-Dipartimenti tas-Servizz ta' Prosekuzzjoni. Dan jibda fl-1 ta' Settembru wara t-tmiem tal-ewwel ċiklu u jispiċċa fil-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara.

L-internship (*estágio*) isir ukoll fil-qrati, fi ħdan l-ambitu tal-ġudikatura magħżula. Dan jibda fl-1 ta' Settembru wara t-tmiem tat-tieni ċiklu u jispiċċa fil-15 ta' Lulju tas-sena ta' wara.

Dawn il-perjodi ta' żmien jistgħu jinbidlu bil-liġi u kultant għandhom jirrispondu għal ħtiġijiet ta' urġenza.

Il-kors ta' taħriġ teoretiku-prattiku għandu bħala l-oġettivi fundamentali tiegħu li jipprovdi lill-apprendisti l-iżvilupp tal-kwalitajiet u l-kisba ta' ħiliet tekniċi għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef fil-qrati ġudizzjarji u fil-qrati amministrattivi u tat-taxxa u bħala prosekutur pubbliku.

L-attivitajiet ta' taħriġ tas-CEJ jitwasslu fl-ewwel ċiklu fis-CEJ, minn lekċerers mill-ġurisdizzjonijiet ċivili, kriminali, tax-xogħol, tal-familja, amministrattivi u tat-taxxa u ħarrieġa esterni.

L-attivitajiet ta' taħriġ inizjali huma żviluppanti skont Pjan ta' Studju mħejji minn qabel mid-Direttur u huwa soġġett għal approvazzjoni mill-Kunsill Pedagoġiku tas-CEJ. Dan il-kunsill, ippresedut mid-direttur tas-CEJ, huma magħmul minn rappreżentanti tal-Kunsilli Superjuri tal-Ġudikatura, is-Servizz tal-Prosekuzzjoni Pubblika, lekċerers tas-CEJ, l-Assoċjazzjoni tal-Avukatura u l-Parlament. Wieħed mill-kompetenzi ewlenin tiegħu huwa li japprova l-pjan ta' studju għal korsijiet ta' taħriġ teoretiċi-prattiċi.

Matul l-istadji teoretiċi u prattiċi, it-taħriġ huwa appoġġat minn pjattaforma ta' apprendiment elettroniku online

(Moodle) u d-dokumentazzjoni ta' taħriġ kollha u l-esejs huma ġestiti permezz ta' dik il-pjattaforma.

Il-pjan ta' studju huma magħmul minn kwistjonijiet ta':

- *taħriġ ġenerali* (Drittijiet Fundamentali u Liġi Kostituzzjonali; Etika u Deontoloġija; Organizzazzjoni Ġudizzjarja; Metodoloġija u Lingwa Legali; Teknoloġiji tal-Infommazzjoni u Komunikazzjoni; Ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) u l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) dwar id-drittijiet fundamentali; Organizzazzjoni u Metodi ta' Ġestjoni tal-Kawżi; Lingwi Barranin (approċċ legali, il-lingwa Inġliża hija dik magħżula);
- *taħriġ speċjalizzat* (Liġi Ewropea u Internazzjonali; Liġi tal-Kompetizzjoni; Kontabbiltà u Ġestjoni; Psikoloġija Forensika u Soċjoloġija Forensika; Liġi Ambjentali u Urbana; Liġi Elettorali; Akkwist pubbliku; Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Istat u għall-apprendisti tal-qrati amministrattivi u tat-taxxa Liġi Sostantiva u Amministrattiva Proċedurali; Mediċina Forensika; Investigazzjoni Kriminali u Ġestjoni tal-Inkjesta; kif ukoll
- *taħriġ professjonali* għal qrati ordinarji (Liġi Ċivili u Kummerċjali u l-Proċedura Ċivili; Liġi Kriminali u Proċedura Kriminali; Liġi tal-Familja u tat-Tfal; u l-Liġi tax-Xogħol) u għal qrati amministrattivi u tat-taxxa (Liġi Amministrattiva u Proċedura Amministrattiva; Liġi tat-Taxxa u Proċedura tat-Taxxa; Liġi Ċivili u Proċedura Ċivili).

Klassijiet u attivitajiet ta' taħriġ isiru fi gruppi ta' ħidma (madwar 15-il apprendist kull wieħed) skont il-metodoloġija kif ġej:

- Diskussjoni tal-kawża;
- Diskussjoni tal-ġurisprudenza;
- Preżentazzjoni mill-apprendisti;
- Proċessi Fittizji;
- Żjarat ta' studju (eż., il-Qrati Supremi, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali, il-ħabsijiet, id-dipartimenti tal-pulizija, l-istituzzjonijiet tal-foster care, eċċ);
- Attivitajiet ta' riċerka;
- Konferenzi u workshops; kif ukoll
- Apprendistat "Ta' Nofs it-Terminu" sa 4 ġimgħat (li jsir fil-qrati).

Fit-tieni ċiklu u fil-fażi tal-apprendistat fil-qrati, l-attivitajiet ta' taħriġ jiġu pprovduti minn koordinaturi reġjonali tal-ġudikatura, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u t-TAF u minn maġistrati li jħarrġu lill-ġudikatura, lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku u t-TAF.

Terminazzjoni tat-taħriġ inizjali u l-proċess ta' kwalifika

L-apprendisti jidħlu fis-CEJ ikklassifikati bil-punteġġ tat-testijiet tal-eżami tad-dħul.

Din il-lista gradwata sservi biss bħala fattur biex jingħata punteġġ f'każ ta' pareġġ fl-attribuzzjoni tal-grad tal-valutazzjoni fi tmiem l-ewwel u t-tieni fażi (l-Artikolu 47, il-paragrafu 1, l-ewwel parti, u l-Artikolu 57, il-paragrafu 2, tal-Liġi Nru 2/2008, tal-14 ta' Jannar (verżjoni konsolidata).

Din il-valutazzjoni tal-apprendisti titwettaq mis-CEJ. Din issir skont il-mudell ta' valutazzjoni globali u tqis dan li ġej:

- il-prestazzjoni matul l-ewwel u t-tieni fażijiet tal-perjodu ta' taħriġ;
- ix-xogħol kollu li twettaq;
- il-prestazzjoni tal-apprendisti;
- l-evoluzzjoni tal-attivitajiet ta' taħriġ.

Il-grad finali tat-tieni ċiklu huwa pponderat, bil-grad tal-ewwel ċiklu jkun 40 % u dak tat-tieni ċiklu 60 %.

apprendisti b'punteġġ ta' mill-anqas 10 minn 20, jinħatru mill-kunsill superjuri rispettiv bħala mħallf apprendist (*juiz estagiário*) jew prosekutur pubbliku apprendist (*procurador da República estagiário*). Dawn jibbenefikaw mill-istatus professjonali ta' mħallf jew prosekutur, bid-drittijiet u d-dmirijiet rispettivi, iżda jkunu assistiti minn tutur matul dan il-proċess.

■ L-aħħar aġġornament: 02/06/2026

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.